32000D0368

8.6.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 136/108

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Mejju 2000

li tikkoreġi d-Direttiva 98/98/KE li taddatta għall-25 darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2000) 1333)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/368/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u b'mod partikolari Artikolu 28 tagħha,

Billi:

(1) Anness VI mad-Direttiva 67/548/KEE jikkontjeni gwida għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż. Anness VI ġie l-aħħar emendat minn Anness 4 tad-Direttiva 98/98/KE [3]. Is-Sezzjonijiet 3.2.3, 3.2.8, 6.2 u 8 ta' Anness 4 tad-Direttiva 98/98/KE mhumiex kompleti. B' konsegwenza huwa neċessarju li jiġi korrett Anness 4 mad-Direttiva 98/98/KE.

(2) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-addattament għall-progress tekniku tad-Direttivi għall-eliminazzjoni tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ f sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Anness 4 mad-Direttiva 98/98/KE huwa sostitwit b'Anness ma din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU Ċ 196, tas-16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 199, tat-30.7.1999, p. 57.
[3] ĠU L 355, tat-30.12.1998, p. 1.

ANNESS

"ANNESS 4

1.6. Għal sustanzi, id-*data* meħtieġa għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tista' tinkiseb:

(a) fir-rigward ta' sustanzi li għalihom l-informazzjoni speċifikata f'Anness VII hija meħtieġa, il-parti l-kbira tad-*data* neċessarja għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar li tidher fis-sett bażi. Din il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar għandhom jiġu riveduti, jekk neċessarju, meta tkun disponibbli informazzjoni ulterjuri (Anness VIII);

(b) fir-rigward ta' sustanzi oħra (eż dawk imsemmija fis-sezzjoni 1.5), id-*data* meħtieġa għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tista', jekk neċessarju, tinkiseb minn numru ta' fonti differenti, per eżempju r-riżultati ta' testijiet preċedenti, informazzjoni meħtieġa minn regoli internazzjonali dwar it-trasport ta' sustanzi perikoluż, informazzjoni meħuda minn xogħlijiet ta' riferenza u l-letteratura jew informazzjoni derivata minn esperjenza prattika. Ir-riżultati ta' relazzjonijiet validati ta' struttura-attività u ġudizzju espert jista' wkoll jittieħed kont tagħhom meta approprjat.

Għal preparazzjonijiet, id-*data* meħtieġa għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tista' tinkiseb:

(a) jekk tikkonċerna *data* fiżjokimika, permezz ta' l-applikazzjoni tal-metodi speċifikati f'Anness V. Għal preparazzjonijiet gassużi, jista' jintuża metodu ta' kalkolu għal proprjetajiet fjammabbli u ossidanti (ara Kapitolu 9);

(b) jekk tikkonċerna *data* dwar effetti fuq is-saħħa:

— bl-applikazzjoni tal-metodi speċifikati f' Anness V u/jew bl-applikazzjoni tal-metodu konvenzjonali msemmi f' Artikolu 3(5)(a) sa (i) tad-Direttiva 88/379/KEE, jew, fil-każ ta' R 65, bl-applikazzjoni tar-regoli taħt 3.2.3,

— iżda, jekk tikkonċerna l-valutazzjoni tal-proprjetajiet karċinoġeniċi, mutaġeniċi u riproduttivi,bl-applikazzjoni tal-metodu konvenzjonali msemmi f'Artikolu 3(5)(j) sa (q) tad-Direttiva 88/379/KEE.

Nota li tikkonċerna t-twettieq ta' testijiet ta' l-annimali

It-twettiq tat-testijiet ta' l-annimali biex tiġi stabbilita *data* esperimentali huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/609/KEE fir-rigward tal-protezzjoni ta' annimali wżati għal skopijiet esperimentali.

1.7.2. *Applikazzjoni tal-kriterji gwida għal sustanzi*

Il-kriterji gwida stabbiliti f'dan Anness huma direttament applikabbli meta d-*data* in kwistjoni tkun ġiet ottenuta mill-metodi tat-test paragunabbli għal dawn deskritti f' Anness V. F'każijiet oħra, l-informazzjoni disponibbli għandha tiġi vvalutata bil-paragun tal-metodi tat-test użati ma' dawk indikati f' Anness V u r-regoli speċifikati f' dan l-Anness għad-determinzzjoni tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar approprjati.

F'xi każijiet jista' jkun hemm dubju dwar l-applikazzjoni tal-kriterji rilevanti, speċjalment fejn dawn jeħtieġu l-użu ta' ġudizzju espert. F'dawn il-każijiet il-manifattur, id-distributur jew l-importatur għandhom jikklassifikaw u jittikkettjaw is-sustanza proviżorjament fuq il-bażi ta' stima tal-prova minn persuna kompetenti.

Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 6, meta l-proċedura ta' hawn fuq tkun ġiet segwita u hemm tħassib fuq inkonsistenzi possibbli allura tista' tiġi sottomessa proposta għall-iskrizzjoni tal-klassifikazzjoni provviżorja f'Anness I. Il-proposta għandha ssir lil wieħed mill-Istati Membri u għandha tiġi akkumpanjata minn *data* xjentifika approprjata (ara wkoll is-sezzjoni 4.1).

Proċedura simili tista' tiġi segwita meta tiġi identifikata informazzjoni li tagħti lok għal tħassib dwar il-preċiżjoni ta' iskrizzjoni eżistenti f' Anness 1.

2.2.2.1 Rimarki li jikkonċernaw perossidi

Għall-proprjetajiet esplożivi, perossidu organiku jew preparat tiegħu fil-forma li fiha jitqiegħed fis-suq huwa kklassifikat skond il-kriterji fis-sezzjoni 2.2.1 abbażi ta' testijiet imwettqa skond il-metodi mogħtija f'Anness V.

Għall-proprjetajiet ossidanti il-metodi eżistenti f'Anness V ma jistgħux jiġu applikati għal perossidi organiċi.

Għal sustanzi, perossidi organiċi li mhumiex diġà kklassifikati bħala esplożivi jiġu kklassifikati bħala perikoluži abbażi ta' l-istruttura tagħhom (eż. R-O-O-H; R_1-O-O-R_2).

Preparati mhux diġà klassifikati bħala esplożivi għandhom jiġu kklassifikati bl-użu tal-metodu ta' kalkolu abbażi tal-perċentwal ta' ossiġnu attiv muri fis-sezzjoni 9.5.

Kull perossidu organiku jew preparat tiegħu mhux diġà klassifikat bħala esplożiv huwa kklassifikat bħala ossidanti, jekk il-perossidu jew il-formulazzjoni tiegħu, jikkontjenu:

— Iktar minn 5 % perossidi organiċi, jew,

— Iktar minn 0,5 % ossiġenu disponibbli mill-perossidi organiċi, u aktar minn 5 % perossidu ta' l-idroġenu.

3.2.3. *Perikoluż*

Sustanzi u preparazzjonijiet għandhom jiġu klassifikati bħala perikoluži u jingħataw is-simbolu 'Xn' u l-indikazzjoni tal-perikolu 'perikoluż' skond il-kriterji speċifikati hawn taħt. Frażijiet ta' riskju għandhom jingħataw skond il-kriterji li ġejjin:

R 22 Jagħmel ħsara meta jinbela'

Riżultati ta' tossiċità akuta:

— LD_{50} bil-ħalq, *far:* $200 < LD_{50} \leq 2\,000$ mg/kg,

— Doża diskriminatorja, bil-ħalq, far 50, mg/kg: 100 % sopravvivenza iżda tossiċità evidenti

— Inqas minn 100 % sopravvivenza b' 500 mg/kg, far bil-ħalq bil-proċedura ta' doża fissa. Irreferi għat-tabella ta' valutazzjoni fil-metodu tat-test B1(a) ta' Anness V.

R 21 Jagħmel ħsara meta jmiss il-ġilda

Riżultati akuta ta' tossiċità:

— LD_{50} fuq il-ġilda, far jew fenek: $400 < LD_{50} \leq 2\,000$ mg/kg.

R 20 Jagħmel ħsara meta jinxtamm

Riżultati akuti ta' tossiċità:

— LC_{50} permezz tax-xamm, far, għal aerosoli jew partikolati: $1 < LC_{50} \leq 5$ mg/litru/4 siegħat,

— LC_{50} nifs, far, għal gassijiet jew fwar: $2 < LC_{50} \leq 20$ mg/litru/4 siegħat.

R 65 Jagħmel ħsara: jista' jikkaġuna ħsara lill-pulmuni jekk jinbela'

Sustanzi u preparazzjonijiet likwidi li jippreżentaw perikolu ta' aspirazzjoni fil-bnedmin minħabba l-viskożità baxxa tagħhom

(a) Għal sustanzi u preparazzjonijiet li jikkontjenu idrokarburi alifatiċi, aliċikliki u aromatiċi f'konċentrazzjoni totali daqs jew ikbar minn 10 % u li fihom jew:

— *flow time* inqas minn 30 sekonda f' kikkra ISO ta' 3 mm skond ISO 2431, jew

— viskosità kinematika mkejla b'viskometru kapillari bil-ħġieġ ikkalibrat skond ISO 3104/3105 ta' inqas minn 7×10^{-6} M^2/sek f'40 °C, jew

— viskosità kinematika derivata minn kejl ta' viskometrija rotazzjonali skond ISO 3129 ta' inqas minn 7×10^{-6} m^2/sek f' 40 °C.

Nota: Sustanzi u preparazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kriterji m'għandhomx għalfejn jiġu kklassifikati jekk għandhom medja ta' tensjoni fis-superfiċi ikbar minn 3 3 mN/m f'25 °C kif imkejjel bit-tensjometru du Nouy jew bil-metodi tat-test murija f'Anness V Parti A(5);

(b) Għal sustanzi u preparazzjonijiet bbażati fuq esperjenza prattikka fuq umani.

R 40 Possibiltà, mhix għal kollox ippruvata, ta' effetti kanċeroġeni

— prova qawwija li x' aktarx jiġi kkawżat dannu irriversibbli barra mill-effetti msemmija f' Kapitolu 4 b'espożizzjoni singola b' rotta approprjata, ġeneralment fil-firxa tad-doża msemmija fuq.

Sabiex tiġi indikata r-rotta ta' amministrazzjoni/espożizzjoni waħda mill-kombinazzjonijiet li ġejjin għandha tintuża: R 40/20, 8 4021, 8 4022, R 40/20/21, R 40/20/22, R 40/21/22, R 40/20/21/22.

R 48 Perikolu ta' ħsara serja lis-saħħa jekk wieħed ikun espost għalih fit-tul

— ħsara serja (disturb funzjonali ċar jew bidla morfoloġika li għandha sinifikanza tossikoloġika) x' aktarx hija kkawżata minn esposizzjoni ripetut jew prolongat b'rotta approprjata.

Sustanzi u preparazzjonijiet huma kklasifikati għall-inqas bħala ta' ħsara meta dawn l-effetti huma osservati f'livelli ta' l-ordni ta'

— bil-ħalq, far ≤ 50 mg/kg (piż tal-ġisem)/jum,

— fuq il-ġilda, far jew fenek ≤ 100 mg/kg (piż tal-ġisem)/jum,

— permezz tax-xamm, far ≤ 0,25 mg/l, 6 s/jum.

Dawn il-valuri gwida jistgħu japplikaw direttament meta jkunu ġew osservati leżjonijiet serji f'test ta' tossiċità subkroniku (90 jum). Fl-interpretazzjoni tar-riżultati ta' test tat-tossiċità subakut (28 jum) dawn il-figuri għandhom jiżdiedu bejn wieħed u ieħor tliet darbiet. Jekk test tat-tossiċità kroniku (sentejn) huwa disponibbli għandu jiġi vvalutat abbażi ta' każ b'każ. Jekk ir-riżultati ta' studji ta' aktar minn durata waħda huma disponibbli, allura dawk mill-istudju ta' l-itwal durata għandhom jintużaw normalment.

Sabiex tiġi indikata r-rotta ta' amministrazzjoni/esposizzjoni għandha tintuża waħda mill-kombinazzjonijiet li ġejjin: R 48/20, R 48/21, R 48/22, R 48/20/21, R 48/20/22, R 48/21/22, R 48/20/21/22.

3.2.3.1. Kummenti dwar sustanzi volatili

Għal ċerti sustanzi b'konċentrazzjoni saturata għolja ta' fwar, tista' tkun disponibbli evidenza li tindika effetti li jagħtu lok għal inkwiet. Dawn is-sustanzi ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt il-kriterji għal effetti tas-saħħa f'din il-gwida (3.2.3) jew mhux koperti bis-Sezzjoni 3.2.8. Iżda, fejn hemm evidenza approprjata li dawn is-sustanzi jistgħu jippreżentaw riskju fil-kontroll u l-użu normali, allura tista' tkun neċessarja klassifikazzjoni fuq bażi ta' każ b' każ f' Anness I.

3.2.6.1. Infjammazzjoni tal-ġilda

Il-frażi ta' riskju li ġejja għandha tiġi assenjata skond il-kriterji mogħtija:

R 38 Jirrita l-ġilda

— sustanzi u preparazzjonijiet li jikkawżaw infjammazzjoni sinifikanti tal-ġilda li tippersisti għal mill-inqas 24 siegħa wara terminu ta' esposizzjoni sa erba' sigħat iddeterminat fuq il-fenek skond il-metodu tat-test ta' irritazzjoni kutanea msemmi f' Anness V.

L-infjammazzjoni tal-ġilda hija sinifikanti jekk:

(a) il-valur medju tal-punti għal jew formazzjoni eritema jew eskar jew formazzjoni ta' edema kkalkolata fuq l-annimali kollha ttestjati, huwa tnejn jew aktar;

(b) jew, fil-każ fejn it-test ta' Anness V ġie kkompletat bl-użu ta' tliet annimali, jew formazzjoni eritema u eskari jew formazzjoni ta' edema ekwivalenti għal valur medju ta' tnejn jew aktar ikkalkulat għal kull annimal separatament ġiet osservata f' żewġ annimali jew aktar.

Fiż-żewġ każijiet, il-punti kollha f'kull ħin ta' qari (24, 48 u 72 siegħa) għal effett għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-valuri medji rispettivi.

L-infjammazzjoni tal-ġilda hija wkoll sinifikanti jekk tippersisti għall-inqas f' żewġ annimali fi tmiem il-ħin ta' osservazzjoni. Effetti partikolari, per eżempju iperplażja, skalar, diskulurazzjoni, fissuri, ċikatriċi u alopeċja għandhom jiġu kkunsidrati.

Data rilevanti tista' wkoll tkun disponibbli minn studji dwar annimali mhux akuti (ara l-kummenti dwar R 48, is-sezzjoni 2(d)). Dawn huma kkunsidrati sinifikanti jekk l-effetti li jidhru huma paragunabbli għal dawk deskritti fuq;

— sustanzi u preparazzjonijiet li jikkawżaw infjammazzjon sinifikanti tal-ġilda, bażati fuq osservazzjonijiet prattiċi fil-bnedmin fuq kuntatt immedjat, prolongat jew ripetut;

— perossidi organiċi, ħlief meta hija disponibbli evidenza kuntrarja.

Paresthesia: Paresthesia kkawżata fil-bnedmin b'kuntatt tal-ġilda ma' pestiċidi piretrojdi ma titqiesx bħala effett irritanti li tiġġustifika klassifikazzjoni bħala Xi; R 38. Il-fraži S, S 24, għandha madankollu tiġi applikata għal sustanzi li jidhru li kkawżaw dan l-effett.

3.2.8. *Proprjetajiet tossikoloġiċi oħra*

Għandhom jiġu assenjati frażijiet addizzjonali ta' riskju skond il-kriterji li ġejjin (ibbażati fuq esperjenza miksuba matul il-kompilazzjoni ta' Anness I) għal sustanzi u preparazzjonijiet klassifikati permezz ta' 2.2.1 sa 3.2.7 fuq u/jew il-Kapitoli 4 u 5:

R 29 Jitfa' gass tossiku meta jmiss l-ilma

Għal sustanzi u preparazzjonijiet li mal-kuntatt ma' l-ilma jew l-arja niedja, jevolvu gassijiet gassijiet tossiċi jew tossiċi ħafna f'ammonti potenzjalment perikoluż, per eżempju, *aluminium phosphide*, *phosphorus pentasulphide*.

R 31 Jitfa' gass tossiku meta jmiss l-aċidi

Għal sustanzi u preparazzjonijiet li jirreaġixxu ma' l-aċidi biex jevolvu gassijiet tossiċi f'ammonti perikoluż, per eżempju *sodium hypochlorite*, *barium polysulphide*. Għal sustanzi użati minn membri tal-pubbliku ġenerali, l-użu ta' S 50 (tħallatx ma… (għandu jiġi speċifikat mill-manifattur)) huwa aktar adattat.

R 32 Jitfa' gass tossiku ħafna meta jmiss l-aċidi

Għal sustanzi u preparazzjonijiet li jirreaġixxu ma' aċidi biex jevolvu gassijiet tossiċi ħafna f'ammonti perikoluż, eżempju minerali ta' *hydrogen cyanide*, *sodium azide*. Għal sustanzi wżati minn membri tal-pubbliku ġenerali, l-użu ta' S 50 (tħallatx ma… (ikun speċifikat mill-manifattur)) huwa aktar adattat.

R 3 3 Perikolu ta' effetti kumulattivi

Għal sustanzi u preparazzjonijiet meta akkumulazzkjoni fil-ġisem uman x'aktarx u tista' tikkawża xi tħassib li, madankollu, mhijiex suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-użu ta' R 48.

R 64 Jistaà jikkaġuna ħsara lil trabi li qed jitreddgħu

Għal sustanzi u preparazzjonijiet assorbiti min-nisa u li jistgħu jinterferixxu mal-lattazzjoni jew li jistgħu jkunu preżenti (inklużi metaboliti) fil-ħalib tas-sider f'ammonti suffiċjenti li jikkawżaw tħassib għas-saħħa tat-tarbija li qed titredda.

Għal kummenti dwar l-użu u din il-fraži R (u f' xi każijiet R 33) ara s-sezzjoni 4.2.3.3.

R 66 Espożizzjoni ripetuta tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda

Għal sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw tħassib bħala riżultat ta' nxif, tqaxxir jew tixqiq tal-ġilda iżda li ma jissodisfawx il-kriterji għal R 38:

Ibbażati fuq jew:

— osservazzjoni prattika wara trattament u użu normali, jew

— evidenza rilevanti li tikonċerna l-effetti previsti tagħhom fuq il-ġilda.

Ara wkoll is-sezzjonijiet 1.6 u 1.7.

R 67 Ix-xamm tal-fwar jista' jikkaġuna ħedla ta' ngħas u sturdamenti

Għal sustanzi u preparazzjonijiet volatili li jikkontjenu dawn is-sustanzi li jikkawżaw sintomi ċari ta' depressjoni tas-sistema nervuża ċentrali b'permezz tax-xamm u li mhumiex diġà kklassifikati fir-rigward ta' tossiċità akuta ta' permezz tax-xamm (R 20, R 23, R 26, R 4020, R 3923 jew R 3926).

L-evidenza li ġejja tista' tintuża:

(a) *data* minn studji ta' l-annimali li turi sinjali ċari ta' depressjoni ta' CNS bħal effetti narkotiċi, letarġija, nuqqas ta' koordinazzjoni (inkluż telf ta' rifless korriġenti) u *ataxia* jew:

— f' ħinijiet ta' konċentrazzjoni/espożizzjoni li ma jeċċedux 20g/1/4 s jew,

— li għalihom il-proporzjon tal-konċentrazzjoni ta' l-effett f' ≤ 4 s għall-konċentrazzjoni tal-fwar saturat (SVC) f' 20 °C huwa ≤ 1/10;

(b) esperjenza prattika fil-bnedmin (eż. Narkożi, ngħas, konxjosità imnaqqsa, nuqqas ta' riflessi, nuqqas ta' koordinazzjoni, vertigo) minn rapporti dokumentati tajjeb taħt kondizzjonijiet paragunabbli ta' espożizzjoni għall-effetti speċifikati fuq għal annimali.

Ara wkoll is-sezzjonijiet 1.6 u 1.7.

Għal frażijiet supplimentari oħra ta' riskju ara s-sezzjoni 2.2.6.

4.1.2. Jekk manifattur, distributur jew importatur għandu informazzjoni disponibbli li tindika li sustanza għandha tiġi kklassifikata u ttikkettata skond il-kriterji mogħtija fis-sezzjoni 4.2.1, 4.2.2 jew 4.2.3, għandu provviżorjament jittikketta s-sustanza skond dawn il-kriterji, abbażi ta' l-istima ta' l-evidenza minn persuna kompetenti.

4.1.3. Il-manifattur, id-distributur jew l-importatur għandhom jissottomettu malli jkun possibbli dokument li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni rilevanti kollha lil Stat Membru wieħed li fih is-sustanza titqiegħed fis-suq. Dan id-dokument fil-qosor għandu jinkludi bibljografija li tikkontjeni r-riferenzi rilevanti kollha, inkluża kwalunkwe *data* rilevanti mhux ippubblikata.

4.1.4. Barra minn hekk, manifattur, distributur jew importatur li għandu *data* ġdida li hija rilevanti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' sustanza skond il-kriterji given mogħtija fis-sezzjoni 4.2.1, 4.2.2 jew 4.2.3, għandu jissottometti din id-*data* malajr kemm jista' jkun lil Stat Membru wieħed li fih is-sustanza titqiegħed fis-suq.

5.2.2. *Ambjent mhux akwatiku*

5.2.2.1. Is-Sustanzi għandhom jiġu kklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent u jiġu assenjati s-simbolu 'N' u l-indikazzjoni approprjata ta' perikolu, u assenjati frażijiet tar-riskju skond il-kriterji li ġejjin:

R 54: Tossiku għall-flora

R 55: Tossiku għall-fawna

R 56: Tossiku għal organiżmi tal-ħamrija

R 57: Tossiku għan-naħal

R 58: Jista' jikkaġuna effetti ħżiena fit-tul lill-ambjent

Sustanzi li abbażi ta' l-evidenza disponibbli li tikkonċerna l-proprjetajiet, il-persistenza, il-potenzjal li jakkumulaw u d-destin u l-attaeġġament ambjentali previst jew osservat tagħhom jistgħu jikkawżaw perikolu, immedjat jew għal żmien twil u/jew ittardjat, lill-istruttura u/jew lill-funzjonament ta' ekosistemi naturali barra minn dawk koperti taħt 5.2.1. Kriterji dettaljati jiġu elaborati aktar tard.

5.2.2.2. Sustanzi għandhom jiġu kklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent u jiġu assenjati s-simbolu 'N' u l-indikazzjoni approprjata ta' perikolu, u frażijiet tar-riskju assenjati skond dawn il-kriterji:

R 59: Perikoluż għas-saff ta' l-ożonu

Sustanzi li abbażi ta' l-evidenza disponibbli li tikkonċerna l-proprjetajiet u d-destin u l-atteġġament ambjentali previst jew osservat tagħhom jistgħu jippreżentaw perikolu għall-istruttura u/jew il-funzjonament tas-saff stratosferiku ta'l-ożon. Dan jinkludi sustanzi li huma elenkati f' Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3093/94 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu (ĠU L 333, tat-22.12.1994, p. 1) u l-emendi sussegwenti tiegħu.

6.2. **Frażijiet ta' sigurtà għas-sustanzi u l-preparati.**

S 1 Żomm maqful

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna, tossiċi u korrożivi,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal dawk is-sustanzi u l-preparati msemmija fuq jekk mibjugħa lill-pubbliku in ġenerali.

S 2 Żomm fejn ma jintlaħaqx mit-tfal

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati perikolużi kollha,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għas-sustanzi u l-preparati perikolużi kollha mibjugħa lill-pubbliku ġenerali, ħlief għal dawk ikklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent.

S 3 Żomm f'post frisk

— Applikabilità:

— perossidi organiċi,

— sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi oħra li għandhom punt ta' tagħlija ta' ≤ 40 °C;

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal perossidi organiċi sakemm ma jintużax S 47,

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi oħra b'punt ta' tagħlija ta' ≤ 40 °C.

S 4 Żomm 'il bogħod minn postijiet ta' l-abitazzjoni

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u tossiċi ħafna

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u tossiċi ħafna meta mixtieqa sabiex jiġi ssupplimentat S 13; per eżempju meta hemm riskju ta' permezz tax-xamm u s-sustanza jew il-preparat għandhom jinħażnu 'l bogħod mill-kwartieri ta' l-għixien. Il-parir mhuwiex maħsub li jipprekludi l-użu sew tas-sustanza jew preparat fil-kwartieri ta' l-għixien.

S 5 Żomm taħt… il-(likwidu adatt li jkun indikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet solidi li li jaqbdu spontanjament,

— Kriterji għall-użu:-

— normalment limitati għal każijiet speċjali per eżempju sodju, potassju jew fosfru abjad.

S 6 Żomm taħt… (gass inerti li jkun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi li għandhom jinżammu taħt atmosfera inerta,

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitati għal każijiet speċjali per eżempju ċerti komposti organometalliċi.

S 7 Żomm il-kontenitur magħluq sewwa

— Applikabilità:

— perossidi organiċi,

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jirrilaxxaw gassijiet tossiċi ħafna, tossiċi, perikolużi jew li jaqbdu malajr ħafna,

— sustanzi u preparazzjonijiet li b'kuntatt mal-kontenut niedi jirrilaxxaw gassijiet li jaqbdu malajr ħafna,

— solidi li jaqbdu malajr

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal perossidi organiċi

— rakkomandat għall-oqsma oħra ta' applikazzjoni msemmija fuq.

S 8 Żomm il-kontenitur niexef

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jirreaġixxu vjolentement ma' l-ilma

— sustanzi u preparazzjonijiet li b'kuntatt ma' l-ilma jilliberaw gassijiet li jaqbdu malajr ħafna,

— sustanzi u preparazzjonijiet li b'kuntatt ma' l-ilma jilliberaw gassijiet tossiċi jew tossiċi ħafna,

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għall-oqsma ta' applikazzjoni msemmija fuq meta neċessarju sabiex jiġu rinforzati twissijiet mogħtija minn R 14, R 15 b'mod partikolari, u R 29.

S 9 **Żomm il-kontenitur f'post ivventilat sewwa**

— Applikabilità:

— sustanzi u preparamenti volatili li jistgħu jirrilaxxaw fwar tossiċi, tossiċi ħafna jew ta' ħsara,

— likwidi li jaqbdu malajr ħafna jew li jaqbdu malajr u gassijiet li jaqbdu malajr ħafna,

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet volatili li jistgħu jirrilaxxaw fwar tossiċi, tossiċi ħafna jew ta' ħsara

— rakkomandat għal likwidi li jaqbdu malajr ħafna jew li jaqbdu malajr jew gassijiet li jaqbdu malajr ħafna.

S 12 Tħallix il-kontenitur magħluq

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li x' aktarx, billi jagħtu gassijiet jew fwar jifqgħu il-kontenitur,

— Kriterji għall-użu:

— normalmenti limitati għall-każijiet speċjali msemmija fuq.

S 13 Żomm 'il bogħod minn ikel, xorb u minn għalf ta' l-annimali

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi, tossiċi ħafna u perikolużi,

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat meta dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 14 Żomm 'il bogħod minn… (materjal inkompatibbli li jkun indikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— perossidi organiċi,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal u normalment limitat għal perossidi organiċi. Madankollu, jistgħu ikunu utli f'każijiet eċċezzjonali meta l-inkompatibilità x'aktarx tipproduċi riskju partikolari:

S 15 Żomm 'il bogħod mis-sħana

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jiddekomponu jew li jistgħu jirreaġixxu spontanjament taħt l-effett tas-sħana

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal każijiet speċjali per eżempju monomeri, iżda mhux assenjat jekk diġà ġew applikati l-frażijiet tar-riskju R 2, R 3 u/jew R 5.

S 16 Żomm 'il bogħod minn fjammi u qbid tan-nar – Tpejjipx

— Applikabilità:

— likwidi li jaqbdu malajr ħafna jew li jaqbdu malajr u gassijiet li jaqbdu malajr ħafna,

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat għas-sustanzi u l-preparati msemmija fuq iżda mhux assenjat jekk diġà ġew applikati l-frażijiet tar-riskju R 2, R 3 u/jew R 5.

S 17 Zomm 'il bogħod minn materjal li jieħu n-nar

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jiffurmaw taħlitiet esplożivi jew li jaqbdu spontanjament ma' materjali kombustibbli

— Kriterji għall-użu:

— Għall-użu f'każijiet specjali, per eżempju biex jenfasizza R 8 u R 9.

S 18 Attent kif tħarrek u tiftaħ il-kontenitur

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li x' aktarx jipproduċu sovrapressjoni fil-kontenitur,

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jiffurmaw perossidi esplożivi

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitati għall-każijiet imsemmija fuq fejn hemm ir-riskju ta' ħsara għall-għajnejn u/jew meta s-sustanzi u l-preparati x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 20 Tikolx u tixrobx waqt li qed tużah

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi, tossiċi ħafna u korrożivi,

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal każijiet speċjali (per eżempju arseniku u komposti ta' l-arseniku; (fluoraċetati) b'mod partikolari meta kwalunkwe minn dawn x'aktarx jintuża mill-pubbliku ġenerali.

S 21 Tpejjipx waqt li qed tużah

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li mal-kombustjoni jipproduċu prodotti tossiċi

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal każijiet speċjali (eż. Komposti ħaloġenati).

S 22 Tiġbidx it-trab 'il ġewwa b'imnifsejk

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati kollha perikoluži għas-saħħa

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal dawk is-sustanzi u l-preparati msemmija fuq li għalihom huwa assenjat R 42,

— rakkomandat għal dawk is-sustanzi u l-preparati msemmija fuq li huma forniti fil-forma ta' trab li jittieħed bin-nifs u li għalihom il-perikoli għas-saħħa wara l-permezz tax-xamm mhumiex magħrufa.

S 23 Tiġbidx gass/dħaħen/fwat/l-isprej 'il ġewwa b'imnifsejk (it-terminu jew termini adatti jridu jkunu speċifikati mill-manifattur)

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati likwidi jew gassuži perikoluži għas-saħħa

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal dawk is-sustanzi u l-preparati msemmija fuq li għalihom ġie assenjat R 42

— obbligatorju għas-sustanzi u l-preparati maħsuba għal *spraying*. Għandhom barra minn hekk jiġu assenjati S 38 jew S 51,

— rakkomandat meta huwa neċessarju li tinġibed l-attenzjoni ta' l-utent għal riskji ta' permezz tax-xamm mhux imsemmija fil-frażijiet tar-riskju li għandhom jiġu askritti.

S 24 Evita l-kuntatt mal-ġilda

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati kollha perikoluži għas-saħħa,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal dawk is-sustanzi u preparazzjonijiet li għalihom ġie assenjat R 43, sakemm ma ġiex assenjat ukoll S 36,

— rakkomandat meta huwa neċessarju li tinġibed l-attenzjoni ta' l-utent għal riskji ta' kuntatt mal-ġilda mhux imsemmija fil-frażijiet tar-riskju (eż. *paresthesia*) li għandhom jiġu askritti. Madankollu jista' jintuża sabiex jiġu emfasizzati dawn il-frażijiet tar-riskju.

S 25 Evita l-kuntatt ma' l-għajnejn

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati kollha perikoluži għas-saħħa,

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat meta huwa neċessarju li tinġibed l-attenzjoni ta' l-utent għal riskji ta' kuntatt ma' l-għajnejn mhux imsemmija fil-frażijiet tar-riskju li għandhom jiġu applikati. Madankollu jistgħu jintużaw sabiex jiġu emfasizzati dawn il-frażijiet tar-riskju,

— rakkomandat għal sustanzi askritti R 34, R 35, R 36 jew R 41 li x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 26 F' każ ta' kuntatt ma l-għajnejn, aħsel immedjatament b'ħafna ilma u ara tabib

— Applikabilità:

  — sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi jew irritanti

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi u dawk li diġà ġie askritt għalihom R 41

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet irritanti li għalihom il-frażi ta' riskju R 36 diġà ġiet askritta.

S 27 Inża mill-ewwel kull ilbies imniġġes

— Applikabilità:

  — sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi, tossiċi ħafna jew korrożivi

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna li għalihom ġie askritt R 27 u li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna li għalihom ġie askritt R 27 użati fl-industrija. Madankollu din il-frażi ta' sigurtà m' għandiex tintuża jekk ġie askritt S 36.

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi li għalihom ġie askritt R 24 kif ukoll sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi li x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 28 F'każ ta' kuntatt mal-ġilda, aħsel mill-ewwel b'ħafna… (ikun speċifikat mill-manifattur).

— Applikabilità:

  — sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi, tossiċi hafna jew korrożivi

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna

  — rakkomandat għas-sustanzi u l-preparati l-oħra msemmija fuq, partikolarment meta l-ilma mhuwiex il-likwidu l-iktar approprjat tat-tlaħliħ,

  — rakkomandat għal sustanzi u prepara korrożivi li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 29 Titfax il-fdal fid-drenaġġ

— Applikabilità:

  — Likwidi li jaqbdu malajr ħafna jew li jaqbdu malajr li jaqbdu n-nar estremament jew ħafna li ma jitħalltux ma' l-ilma,

  — sustanzi u preparamenti tossiċi u tossiċi ħafna

  — sustanzi perikolużi għall-ambjent,

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal sustanzi perikolużi għall-ambjent u assenjati s-simbolu 'N', li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali, sakemm dan mhuwiex l-użu maħsub.

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet oħra msemmija fuq li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali, sakemm dan mhuwiex l-użu maħsub.

S 30 Qatt titfa' ilma fuq dan il-prodott

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jirreaġixxu vjolentement ma' l-ilma

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitati għal każijiet speċjali (eż aċidu tal-kubrit) u jistgħu jintużaw, kif approprjat, sabiex tingħata l-informazzjoni l-aktar ċara possibbli, jew biex tiġi enfasizzata R 14 jew bħala alternattiva għal R 14.

S 33 Evita l-kumulazzjoni ta' kargi elettrostatiċi

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jaqbdu malajr ħafna jew li jaqbdu malajr

— Kriterji għall-użu:

— Rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet użati fl-industrija li ma jassorbux kontenut niedi. Kważi qatt użat għal sustanzi u preparazzjonijiet kif imqiegħda fis-suq għal użu mill-pubbliku ġenerali.

S 35 Dan il-materjal u l-kontenitur tiegħu għandhom jintremew bil-prekawzjoni meħtieġa.

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati perikoluż kollha

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet meta hija meħtieġa gwida speċjali sabiex jiġi assigurat disponiment tajjeb.

S 36t Ilbes ilbies protettiv adatta

— Applikabilità:

— perossidi organiċi,

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna, tossiċi jew ta' ħsara

— sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna u korrożivi,

— obbligatorju għal dawk is-sustanzi u preparazzjonijiet li għalihom ġie askritt R 21 jew R 24,

— obbligatorju għal karċinoġeni tal-kategorija 3, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-reproduzzjoni sakemm l-effetti mhumiex prodotti biss b' permezz tax-xamm tas-sustanza jew tal-preparat,

— obbligatorju għal perossidi organiċi,

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi jekk il-valur fuq il-ġilda LD_{SO} mhuwiex magħruf iżda s-sustanza jew il-preparat x'aktarx ikunu tossiċi b'kuntatt mal-ġilda,

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet użati fl-industrija li x'aktarx jagħmlu ħsara b' esposizzjoni prolongat.

S 37 Ilbes ingwanti adatti

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna, tossiċi, perikoluż jew korrożivi,

— perossidi organiċi,

— sustanzi u preparazzjonijiet li jirritaw il-ġilda jew jikkawżaw sensitizzazzjoni bil-kuntatt mal-ġilda

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna u korrożivi

  — obbligatorju għal dawk is- sustanzi u preparazzjonijiet li għalihom ġie askritt R 21, R 24 jew R 43,

  — obbligatorju għal karċinoġeni tal-kateogrija 3, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-reproduzzjoni sakemm l-effetti mhumiex prodotti biss b' permezz tax-xamm tas-sustanzi u l-preparati,

  — obbligatorju għal perossidi organiċi,

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi meta l-valur fuq il-ġilda LD 50 mhuwiex magħruf iżda s-sustanza jew il-preparat x' aktarx ikunu ta' ħsara b'kuntatt mal-ġilda,

  — rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet li jirritaw il-ġilda.

S 38 F'każ ta' nuqqas ta' ventilazzjoni biżżejjed, ilbes apparat respiratorju adatt

— Applikabilità:

  — sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi jew tossiċi ħafna,

— Kriterji għall-użu:

  — Normalment limitati għal każijiet speċjali li jinvolvu l-użu ta' sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi jew tossiċi ħafna fl-industrija jew fl-agrikoltura.

S 39 Ipproteġi 'l għajnejk/wiċċek

— Applikabilità:

  — perossidi organiċi,

  — sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi, inklużi irritanti li jagħtu riskju ta' dannu serju għall-għajnejn.

  — sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u tossiċi ħafna

— Kriterji għall-użu:

  — obbligatorju għal dawk is-sustanzi u preparazzjonijiet li għalihom ġie askritt R 34, R 35 jew R 41,

  — obbligatorju għal perossidi organiċi,

  — rakkomandat meta huwa neċessarju li tinġibed l-attenzjoni ta' l-utent dwar riskji ta' kuntatt ma' l-għajnejn mhux imsemmija fil-frażijiet tar-riskju li għandhom jiġu askritti,

  — normalment limitat għal każijiet eċċezzjonali għal sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u tossiċi ħafna, fejn hemm riskju ta' ċaflis u x'aktarx jiġu assorbiti faċilment mill-ġilda

S 40 Biex taħsel l-art u l-oġġetti kollha mniġġsin b'dan il-materjal uża… (ikun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

  — is-sustanzi u l-preparati perikoluži kollha,

— Kriterji għall-użu:

  — normalment limitat għal dawk is-sustanzi u l-preparati perikoluži li għalihom l-ilma ma jitqiesx aġent adattat ta' tindif (eż meta l-assorbiment minn materjal trab, dissoluzzjoni b'solvent, eċċ, huwa neċessarju) u meta huwa importanti għal raġunijiet tas-saħħa u/jew sigurtà li tiġi pprovduta twissija fuq it-tikketta.

S 41 F'każ ta' nar u/jew splużjoni, tiblax id-dħaħen

— Applikabilità:

  — sustanzi u preparazzjonijiet perikoluži li mal-kombustjoni jagħtu gassijiet tossiċi u tossiċi ħafna,

— Kriterji għall-użu:

  — normalment limitati għal każijiet speċjali

S 42 Waqt il-fumigazzjoni/l-isprejjar ilbes apparat respiratorju adattat (it-terminu adattat approprjat irid ikun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet maħsuba għal dan l-użu iżda li jistgħu jipperikolaw is-saħħa u s-sigurtà ta' l-utent sakemm ma jittieħdux prekawzjonijiet xierqa.

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitati għal każijiet speċjali

S 43 F'każ ta' nar uża… (indika fl-ispazju t-tip preċiż ta' apparat tat-tifi tan-nar. Jekk l-ilma jkabbar ir-riskju, żid: 'Qatt tuża l-ilma)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jaqbdu malajr ħafna, li jaqbdu malajr u li jaqbdu

— Kriterji għall-użu:

— Obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet li, b' kuntatt ma' l-ilma jew l-arja niedja, jevolvu gassijiet li jaqbdu malajr ħafna

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet li jaqbdu malajr ħafna, li jaqbdu malajr u li jaqbdu partikolarment meta ma jitħalltux ma' l-ilma.

S 45 F' każ ta' inċident jew jekk tħossok ma tiflaħx. ara tabib mill-ewwel (jekk hu possibbli, urih it-tikketta).

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi ħafna

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u korrosivi,

— sustanzi u preparamenti li jikkawżaw sensitizzazzjoni b'permezz tax-xamm

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għas-sustanzi u l-preparati msemmija fuq.

S 46 Jekk jinbela', ara tabib mill-ewwel u urih dan il-kontenitur jew din it-tikketta

— Applikabilità

— is-sustanzi u l-preparati perikolużi kollha ħlief dawk li huma tossiċi ħafna, tossiċi, korrożivi jew preikolużi għall-ambjent,

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għas-sustanzi u l-preparati perikolużi kollha msemmija fuq li x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali, sakemm ma hemm l-ebda raġuni għal biża milli jinbela', partikolarment mit-tfal.

S 47 Żomm f' tempertatura li ma taqbiżx… °C (ikun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jsiru instabbli meta f'ċerta temperatura,

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal każijiet speċjali (eż. ċerti perossidi organiċi).

S 48 Żomm umdu b'… (il-materjal adatt ikun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu isiru sensittivi ħafna għal xrar, frizzjoni jew impatt jekk jitħallew jinxfu,

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitati għal każijiet speċjali, per eżempju nitroċelluloži

S 49 Żomm biss fil-kontenitur oriġinali

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet sensittivi għal dekompożizzjoni katalitika

— Kriterji għall-użu:

— sustanzi u preparazzjonijiet sensittivi għal dekompożizzjoni katalitika, per eżempju, ċerti perossidi organiċi.

S 50 Tħallatx ma'… (ikun speċifikat mill-manifattur)

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li jistgħu jirreaġixxu mal-prodott speċifikat biex jevolvi gassijiet tossiċi jew tossiċi ħafna,

— perossidi organiċi,

— Kriterji għall-użu

— Rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet msemmija fuq li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali, meta huwa alternattiva aħjar għal R 31 jew R 32,

— Obbligatorju ma' ċerti perossidi li jistgħu jagħtu reazzjoni vjolenti ma' aċċeleraturi jew promoturi.

S 51 Uża biss fi spazji ventilati tajjeb

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li x' aktarx jew maħsuba biex jipproduċu fwar, trabijiet, irxix, dħaħen, ċpar, eċċ li jikkawżaw riskju għal riskji ta' permezz tax-xamm jew għal riskju ta' nar jew splużjoni,

— Kriterji għall-użu:

— Rakkomandat meta l-użu ta' S 38 ma kienx ikun approprjat. Għalhekk importanti meta dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

S 52 Mhux rakkomandat għal użu fuq spazji ta' superfiċi kbira f'postijiet abitati

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet volatili, tossiċi ħafna, tossiċi u perikoluži li jkunu jikkontjenuhom,

— Kriterji għall-użu:

— Rakkomandat meta x'aktarx jiġi kkawżat dannu għas-saħħa minn espożizzjoni prolongata għal dawn is-sustanzi minħabba l-volatizzazzjoni tagħhom minn superfiċi kbar trattati fid-dar jew postijiet oħrajn magħluqa fejn jinġabru l-persuni.

S 53 Evita li jitħalla espost – ġib istruzzjonijiet speċjali qabel tużah

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi u/jew tossiċi għar-riproduzzjoni.

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għas-sustanzi u l-preparati msemmija fuq li għalihom għall-inqas waħda minn dawn il-frażijiet-R ġiet assejnata: R 45, R 46, R 49, R 60 or R 61.

S 56 Itfa' dan il-materjal u l-kontenitur tiegħu f'post fejn jinġabar skart perikoluż jew speċjali

— Applikabilità:

— is-sustanzi u l-preparati perikoluži kollha,

— Kriterji għall-użu:

— rakkomandat għas-sustanzi u l-preparati perikoluži kollha li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali li għalihom huwa meħtieġ disponiment speċjali.

S 57 Uża kontenitur adatt biex tevita t-tinġis ta' l-ambjent

— Applikabilità:

— sustanzi li ġew assenjati s-simbolu 'N', -

— Kriterji għall-użu:

— normalment limitat għal sustanzi li x'aktarx ma jintużawx mill-pubbliku ġenerali

S 59 Irreferi għall-manifattur/fornitur għal informazzjoni fuq rekuperu/riċiklaġġ

— Applikabilità:

— is-sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi kollha

— Kriterji għall-użu:

— obbligatorju għal sustanzi perikolużi għas-saff ta' l-ożon,

— rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet oħra li għalihom huwa rakkomandat l-irkupru/r-riċiklaġġ.

S 60 Dan il-materjal u l-kontenitur tiegħu għandhom jintremew ma' skart perikoluż

— Applikabilità:

— is-sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi kollha,

— Kriterji għall-użu:

— Rakkomandat għal sustanzi u preparazzjonijiet x' aktarx ma jintużawx mill-pubbliku ġenerali u meta mhuwiex assenjat S 35.

S 61 Titfax fl-ambjent. Irreferi għall-istruzzjonijiet speċjali/informazzjoni fuq sigurtà

— Applikabilità:

— sustanzi perikolużi għall-ambjent

— Kriterji għall-użu:

— normalment użat għal sustanzi li ġew assenjati s-simbolu 'N',

— rakkomandat għas-sustanzi kollha kklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent mhux koperti fuq.

S 62 Jekk jinbela', tippruvax tikkaġuna l-vomitu; mur għand tabib u uri dan il-kontenitur jew it-tikketta.

— Applikabilità:

— sustanzi u preparamenti kklassifikati bħala perikolużi b'R 65 skond il-kriterji fis-sezzjoni 3.2.3,

— mhux applikabbli għal sustanzi u preparazzjonijiet mqiegħda fis-suq f' kontenituri aerosoli (jew f' kontenituri armati b' anness issiġġillat *sprayed*), ara s-sezzjonijiet 8 u 9,

— Kriterji għall-użu:

— Obbligatorju għal sustanzi u preparazzjonijiet msemmija fuq, jekk mibjugħa lil, jew x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali, ħlief meta huma obbligatorji S 45 jew S 46,

— Rakkomandat għas-sustanzi u l-preparati msemmija fuq meta użati fl-industrija, ħlief meta huma obbligatorji S 45 jew S 46,

S 63 F'każ ta' inċident kaġunat mix-xamm: ħu l-pazjent fl-arja friska u qiegħdu mistrieħ

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet tossiċi u tossiċi ħafna (gassijiet, fwar, partikolati, likwidi volatili),

— sustanzi u preparazzjonijiet li jikkawżaw sensitizzazzjoni respiratorja

— Kriterji għall-użu:

— Obbligatorju għal sustanzi u preparazzjoni li għalihom ġie assenjat R 26, R 23 jew R 42, li x' aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali b' mod li jista' jirrizulta f' permezz tax-xamm

S 64 Jekk jinbela', laħlaħ il-ħalq bl-ilma, (iżda biss jekk il-persuna tkun f'sensiha).

— Applikabilità:

— sustanzi u preparazzjonijiet korrożivi jew irritanti

— Kriterji għall-użu:

— Rakkomandat għas-sustanzi u l-preparati hawn fuq li x'aktarx jintużaw mill-pubbliku ġenerali u meta t-trattament ta' hawn fuq huwa adattat.

7.5.2. *L-Għażla ta' frażijiet tas-sigurtà*

L-għażla finali tal-frażijiet tas-sigurtà għandha tqis il-frażijiet tar-riskju indikati fuq it-tikketta u l-użu maħsub tas-sustanza jew tal-preparat:

— bħala regola ġenerali, massimu ta' erba' frażijiet-S huwa suffiċjenti biex jiġi formolat il-parir tas-sigurtà l-aktar approprjat; għal dan l-iskop il-frażijiet kombinati elenkati f' Anness IV għandhom jitqiesu bħala frażijiet singoli,

— fil-każ ta' frażijiet-S li jikkonċernaw id-disponiment, għandha tintuża frażi-S waħda, sakemm ma jkunx ċar li d-disponiment tal-materjal u l-kontenitur tiegħu ma jippreżentawx perikolu għas-saħħa umana jew għall-ambjent. Partikolarment, parir dwar id-disponiment sikur huwa importanti għal sustanzi u preparazzjonijiet mibjugħa lill-pubbliku ġenerali;

— xi frażijiet-R isiru żejda jekk issir għażla tajba ta' frażijiet-S u viċi versa; frażijiet-S li ovvjament jikkorrispondu għal frażijiet-R jidhru fuq it-tabella biss jekk maħsub li jemfasizzaw twissija speċifika,

— għandha tingħata attenzjoni partikolari, fl-għażla ta' frażijiet tas-sigurtà, għall-kundizzjonijiet previsti ta' l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet, per eżempju *spraying* jew effetti aerosoli oħrajn. Il-frażijiet għandhom jingħażlu in vista ta' l-użu intiż,

— il-frażijiet tas-sigurtà S 1, S 2 u S 45 huma obbligatorji għas-sustanzi u l-preparati kollha tossiċi ħafna, tossiċi u korrożivi li jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali,

— il-frażijiet tas-sigurtà S 2 u S 46 huma obbligatorji għas-sustanzi u l-preparati perikolużi l-oħra kollha (ħlief dawk ikklassifikati biss bħala perikolużi għall-ambjent) li jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali.

Meta l-frażijiet magħżula skond il-kriterji stretti f' 6.2 jirriżultaw f' eċċessività jew ambigwità jew huma b' mod ċar mhux neċessarji minħabba l-prodott/pakkett speċifiku, jistgħu allura jitħassru xi frażijiet.

8. KAŻIJIET SPEĊJALI: SUSTANZI

8.1. **Ċilindri mobbli tal-gass**

Għal ċilindri mobbli tal-gass ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-ittikkettjar huma kkunsidrati bħala sodisfatti meta huma skond Artikolu 23 jew Artikolu 24(6)b.

Madankollu, b' deroga minn Artikolu 24(1) u 82), waħda mill-alternattivi li ġejjin tista' tintuża għal ċilindri tal-gass b'kapaċità ta' l-ilma ta' inqas minn jew ugwali għal 150 litru:

— il-forma u d-dimensjonijiet tat-tikketta jistgħu isegwu l-preskrizzjonijiet ta' l-*istandard* ta' l-ISO ISO/DP 7225,

— l-informazzjoni speċifikata f' Artikolu 23(2) tista' tiġi pprovduta fuq diska jew tikketta durabbli ta' informazzjoni miżmuma fuq iċ-ċilindru.

8.2. **Kontenituri tal-gass maħsuba għal propan, butan jew gass likwifikat tal-*petroleum* (ĠPL)**

Dawn is-sustanzi huma kklassifikati f' Anness 1. Għalkemm ikklassifikati skond Artikolu 2, ma jippreżentawx perikolu għas-saħħa umana meta jitqiegħdu fis-suq f'ċilindri magħluqa li jistgħu jimtlew mill-ġdid jew f'kartoċċi li ma jerġgħux jimtlew fil-qasam ta' applikazzjoni ta' EN 417 bħala gassijiet karburanti rilaxxati biss għall-kombustjoni.

Dawn iċ-ċilindri jew kartoċċi għandhom jiġu ttikkettati bis-simbolu approprjat u l-frażijiet R u S dwar il-qbid. L-ebda informazzjoni li tikkonċerna l-effetti fuq is-saħħa umana ma hija meħtieġa fuq it-tikketta. Madankollu, l-informazzjoni li tikkonċerna l-effetti fuq is-saħħa umana li suppost dehret fuq it-tikketta għandha tiġi trażmessa lill-utent professjonali mill-persuna responsabbli għat-tqegħid tas-sustanza fis-suq fil-forma prevista f' Artikolu 27 tad-Direttiva. Għall-konsumatur, informazzjoni suffiċjenti għandha tiġi trasmessa sabiex tippermettilu jieħu l-miżuri kollha neċessarji għas-saħħa u s-sigurtà kif previst f' Artikolu 1(3) tad-Direttiva 91/155/KEE, kif modifikata bid-Direttiva 93/112/KEE.

8.3. **Metalli f'forma massiva**

Dawn is-sustanzi huma klassifikati f' Anness I jew għandhom jiġu kklassifikati skond Artikolu 6. Madankollu ftit minn dawn is-sustanzi, għalkemm ikklassifikati skond Artikolu 2 ma jippreżentawx perikolu għas-saħħa umana permezz tax-xamm, inġestoni jew kuntatt mal-ġilda, jew għall-ambjent akwatiku fil-forma li fiha jitqiegħdu fis-suq. Dawn is-sustanzi ma jeħtieġux tiketta skond Artikolu 23. Madankollu l-informazzjoni kollha li suppost dehret fuq it-tikketta għandha tiġi trażmessa lill-utent mill-persuna responsabbli għat-tqegħid tal-metall fis-suq, fil-forma prevista f' Artikolu 27.

8.4. **Sustanzi klassifikati b'R 65**

Sustanzi kklassifikati bħala li jagħmlu l-ħsara abbażi ta' riskju ta' aspirazzjoni m'għandhomx għalfejn jiġu ttikkettati bħala ta' ħsara b' R 65 meta jitqiegħdu fis-suq f'kontenituri aerosoli jew f'kontenituri armati bil-mezz għall-isprejjar issiġġillat.'"